MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 1256/2009/1

**Emmanuel Bajada u Eve Patricia Bajada f'isimha proprju**

**u f'isem is-socjeta` Mayfair Holdings Limited.**

**v.**

**L-Avukat Generali ghall-Gvern ta' Malta**

**u l-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li pprezentaw l-atturi fit-23 ta' Dicembru, 2009, u li jaqra hekk:

> "Illi r-rikorrenti Emmanuel Bajada gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fit-13 ta' Mejju, 2005 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijniet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel atti ta' *money laundering*.
>
> "Illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali wara ammissjoni tar-rikorrenti imputat sabet lill-istess rikorrenti imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u kkundannatu terminu ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin *ai termini* tal-**artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta** kif ukoll ikkundannatu ghall-multa ta' hamsin elf ewro (€50,000).
>
> "Illi kemm ir-rikorrenti Emmanuel Bajada kif ukoll l-Avukat Generali appellaw mis-sentenza tal-ewwel Qorti.
>
> "Illi l-appell tal-Avukat Generali b'rikors prezentat minnu fl-4 ta' Gunju 2009, talab lil Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellat tal-akkuzi hati kif migjuba kontrih u kkundannatu ghall-multa ta' hamsin elf ewro (€50,000) u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u minflok tinfliggi piena karcerajra skont il-Ligi u tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli tal-hati.
>
> "Il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet l-appell tar-rikorrenti u laqghet l-appell tal-Avukat Generali limitatament billi rriformat is-sentenza appellata billi *oltre* l-

piena ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u l-multa ta' hamsin elf ewro (€50,000) ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti li dwarhom sar ir-reat kif ukoll il-konfiska tal-ammont ta' erbat elef mija u tnejn u disghin ewro u seba' u tmenin centezmu (€4,192.87) rapprezentanti r-rikavat tar-reat ta' *money laundering* kif ukoll ta' kull propjeta` mobbli u mmobbli ohra li tappartjeni lill-appellat jew li hija fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu skont ma jipprovdi l-**artikolu 3 (5) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.**

"Illi dan ir-rikors qed isir *ai termini* tal-**artikolu 7 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta.**

"Illi l-**artikolu 7 (1) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi *"meta jkun sar ordni ta' konfiska taht l-**artikolu 3 (5),** il-persuna misjuba hatja u kull persuna ohra li jkollha interess tista' tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjeta` jew kull proprjeta` mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul minn ksur tal-**artikolu 3** jew b'xi mod iehor involuta fil-kummissjoni tar-reat ta' money laundering, u lanqas proprjeta`, akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk".*

"Illi l-fond bl-indirizz 8, Block E, Manor Court, Tourist Street, Qawra nxtara mir-rikorrenti Emmanuel Bajada u Eve Patricia Bajada permezz ta' kuntratt ta' xiri datat it-28 ta' Mejju, 2004 (kuntratt anness u mmarkat bhal Dok "A").

"Illi l-fond surreferit huwa r-residenza primarja tar-rikorrenti u nxtara ferm qabel gie kommess ir-reat mertu tas-sentenza li ordnat il-konfiska.

"Illi r-rikorrenti konjugi Bajada hadu *loan* mill-HSBC f'isimhom personali sabiex inxtara l-fond surreferit (dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok "B").

"Illi l-fond surreferit ma jikkonsistix fi profitti jew dhul minn ksur tal-**artikolu 3 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta** jew b'xi mod iehor involuta fil-kummissjoni tar-reat ta' *money laundering*, u lanqas proprjeta`, akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.

“Illi l-Hotel bl-isem ta' Adam's Guest House li jinsab f’Ross Street, San Giljan huwa propjeta` tas-socjeta` Mayfair Holdings Limited (C 33931).

“Illi s-socjeta' Mayfair Holdings Limited ghandha bhala azzjonijisti lil Eve Patricia Bajada li ghandha ghaxart elef u hames mitt sehem (10,500) u lil Victor Bajada li ghandu tliet elef u hames mitt sehem (3,500) (ara dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok “C”).

“Illi l-uniku direttur tas-socjeta` surreferita hija r-rikorrenti Eve Patricia Bajada.

“Illi l-propjeta' Adam's Guest House msemmija aktar qabel inxtrat in parti permezz ta' *loan* li nghatat mill-Bank of Valletta lis-socjeta' rikorrenti liema *loan* thallset minn flus li kellha r-rikorrenti Eve Patricia Bajada l-Ingilterra (ara dokument anness u mmarkat bhala Dok “D”).

“Illi *inoltre*, is-socjeta` Mayfair Holdings Limited ghad fadallha thallas mat-tletin elf liri Maltin (Lm30,000) ekwivalenti ghal sebghin elf ewro (€70,000) rapprezentanti self li s-socjeta` rikorrenti hadet sabiex xtrat il-propjeta` Adam's Guest House imsemmija aktar qabel (ara dokument anness u mmarkat bhala Dok “F”).

“Illi r-rikorrenti Emmanuel Bajada m'ghandu x'jaqsam xejn mas-socjeta` surreferita.

“Illi ghaldaqstant l-assi tas-socjeta` surreferita ma jikkonsistux fi profitti jew dhul minn ksur tal-**artikolu 3 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta** jew b'xi mod iehor involuta fil-kummissjoni tar-reat ta' *money laundering*, u lanqas proprjeta`, akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.

“Illi s-*safe deposit box* bin-numru 37B mizmuma ghand il-Bank of Valletta f’isem ir-rikorrenti konjugi Bajada tikkontjeni xi deheb u oggetti ohra li r-rikorrenti Emmanuel Bajada wiret minghand missieru (ara dokument anness u mmarkat bhala Dok “E”).

"Illi s-*safe deposit box* surreferita infethet fis-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), hafna qabel gie kommess ir-reat mertu ta' dan ir-rikors;

"Illi ghaldaqstant l-oggetti li jinsabu gewwa s-*safe deposit box* surreferita ma jikkonsistux fi profitti jew dhul minn ksur tal-**artikolu 3 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta** jew b'xi mod iehor involuta fil-kummissjoni tar-reat ta' *money laundering*, u lanqas proprjeta`, akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.

"Ghaldaqstant, r-rikorrenti umilment jitolbu bir-rispett li, in vista tal-premess, dina l-Qorti joghgobha:-

"1. tiddikjara li l-fond bl-indirizz 8, Block E, Manor Court, Tourist Street, Qawra, konfiskat bis-sentenza fuq citata, m'huwiex profitt jew dhul mir-reati kontemplati fil-**Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta.**

"2. tiddikjara li l-assi tas-socjeta` Mayfair Holdings Limited u senjatament il-Hotel Adam's Guest House li tinsab f'Ross Street, San Giljan konfiskat bis-sentenza fuq citata, m'huwiex profitt jew dhul mir-reati kontemplati fil-**Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta.**

"3. tiddikjara illi l-oggetti li jinsabu gewwa s-*safe deposit box* bin-numru 37B mizmuma ghand il-Bank of Valletta f'isem ir-rikorrenti u l-mara tieghu, konfiskati bis-sentenza fuq citata, m'humiex profitt jew dhul mir-reati kontemplati fil-**Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta.**

"4. konsegwentement tordna r-revoka tal-ordni tal-konfiska fuq l-istess assi hawn fuq imsemmija, u

"5. taghti kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun."

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati li in forza taghha eccepew illi:

> “Illi t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda.
>
> “Illi r-rikorrenti ghandu jgib prova konkreta u sodisfacenti li l-proprjeta` hekk konfiskata u li taghha qieghed jitlob ir-rilaxx ma tkunx profitt jew dhul minn ksur tal-Artikolu 3 tal-Att dwar il-*Money Laundering* (Kap. 373 tal-Ligijiet ta’ Malta) jew b’xi mod iehor involuta fil-kummissjoni tar-reat ta’ *money laundering* u lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta’ xi profitti jew dhul bhal dawk.
>
> “Salv eccezzjonijiet ulterjuri”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Awwissu, 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej

> “... ... ... billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimati biss in kwantu l-istess hija b’xi mod inkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti** b’dan illi:-
>
> “1. Tiddikjara li l-fond bl-indirizz 8, Block E, Manor Court, Tourist Street, Qawra, konfiskat bis-sentenza fuq citata, m'huwiex profitt jew dhul mir-reati kontemplati fil-**Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta.**
>
> “2. Tiddikjara li l-assi tas-socjeta` Mayfair Holdings Limited u senjatament il-Hotel Adam's Guest House li tinsab f’Ross Street, San Giljan konfiskat bis-sentenza fuq citata, m'huwiex profitt jew dhul mir-reati kontemplati fil-**Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta.**
>
> “3. Tiddikjara illi l-oggetti li jinsabu gewwa s-*safe deposit box* bin-numru 37B mizmuma ghand il-Bank of Valletta f’isem ir-rikorrenti u l-mara tieghu,

konfiskati bis-sentenza fuq citata, m'humiex profitt jew dhul mir-reati kontemplati fil-**Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta.**

"4. u 5. Konsegwentement tordna r-revoka tal-ordni tal-konfiska fuq l-istess assi hawn fuq imsemmija u tordna li din l-ordni tigi notifikata mir-rikorrenti lill-entitajiet/awtoritajiet kollha kompetenti nkluz lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-iskop tal-**artikolu 7 (8) tal-Kap. 373** u in vista tat-tielet talba lill-Bank of Valletta plc.

"Bl-ispejjez kontra l-intimati."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi jirrizulta li Emmanuel Bajada kien akkuzat fil-Qorti tal-Magistrati talli fit-13 ta' Mejju 2005 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti, wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti izda bi ksur tad-disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ghamel atti ta' *money laundering* billi:-

"(1) ikkonverta jew ittrasferixxa proprjeta' meta kien jaf li dik il-propjeta' kienet direttament jew indirittament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali, ghall-iskop ta' skopijiet ta' habi jew wiri ta' haga b'ohra ta' origini tal-proprjeta' jew ta' ghajuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attivita' kriminali;

"(2) heba jew wera haga b'ohra tal-veri xorta, provenzjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta' meta dan kien jaf li dik il-propjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

"(3) akkwista propjeta' meta kien jaf li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

“(4) ritenzjoni minghajr skuza ragonevoli ta’ proprjeta’ meta kien jaf li l-istess propjeta’ kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita’ kriminali;

“(5) ittenta jaghmel hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija.

“Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali presjeduta mil-Magistrat Antonio Giovanni Vella datata 21 ta’ Mejju 2009, u wara ammissjoni da parte tal-imputat Emmanuel Bajada, u wara li l-Qorti sabet li l-imputat kien involva ruhu fit-tmexxija ta’ zewg *guest houses* li kienu jintuzaw ghall-prostituzzjoni hemm indikati, liema attivita’ damet sejra anqas minn xahrejn sa meta l-Pulizija intervjenew f’Mejju 2005, u li r-rikavat mill-istess kien ta’ Lm1,800 (€4,192.87) li minnhom nofs intuzaw ghall-hlas ta’ kera ta’ *guest house* minnhom, u ghalhekk fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati, u ikkundannatu ghall-prigunerija ta’ sentejn sospizi ghal 4 snin ai termini tal-**artikolu 28A tal-Kap. 9** u kkundannatu ukoll ghall-multa ta’ hamsin elf ewro (€50,000).

“Illi b’sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali datata 24 ta’ Settembru 2009 presjuduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Galea Debono fejn wara li *inter alia* sar appell mill-Avukat Generali li talab apparti l-imposizzjoni ta’ piena karcerarja, ordnat wkoll il-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u mmobbli ohra tal-hati u dan skond ma jipprovdi l-**artikolu 3 (5) (a) (b) u (c) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

“Illi dwar dan il-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali sostniet li:-

> *“Ghar-rigward tat-tieni aggravju dan jidher li hu bazat fuq l-artikolu 3 (5) (a) (b) (c) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta. Anki hawn kif kienet il-ligi fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat u anki meta l-appellat gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati, s-subartikolu (5) ma kellhux is-sub-incizi (a) (b) u (c) u kien jiddisponi li:-*
>
> *“Il-Qorti ghandha, b’zieda ma kull piena li ghaliha tista’ tigi kundannata persuna misjuba hatja ta’ reat ta’ money laundering ….tordna t-tehid favor il-Gvern tar-rikavat ta’ dik il-proprjeta’ li l-valur taghha ikun jikkorispondi ghall-*

> *valur ta' dak ir-rikavat ….u kull proprjeta' li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew that il-kontroll ta' xi persuna misjuba hatja kif imsemmi qabel….sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, jitqies lit kun inkisbet mir-reat ta' money laundering u tkun soggetta ghall-konfiska jew tehid mill-Qorti."*

"Illi abbazi ta' dan il-providement il-Qorti tal-Appell sostniet li ghalhekk hija ghandha tordna l-konfiska tar-rikavat tar-reat ta' *money laundering* li f'dan il-kaz kien ta' Lm1,800 ossia €4,192.87, kif ukoll il-konfiska *"ta' kull proprjeta' li tappartjeni lil jew li qeghda fil-pussess tal-appellat, salv mbaghad id-dritt tal-appellat li jipprocedi b'rikors quddiem il-Qorti Civili, Prim'Awla ghal dikjarazzjoni li dik il-proprjeta' mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma kinitx rikavat jew profitt gej minn reat taht l-artikolu 3 tal-Kap. 373, jew hi b'xi mod involuta fir-reat ta' money laundering u li lanqas ma hi proprjeta' akkwistata, direttament jew indirettament minn xi profitti jew rikavat simili w dan skond ma jipprovdi l-artikolu 7".*

"Illi abbazi ta' dan is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha oltre ghall-piena imposta mill-Qorti tal-Magistrati ordnat il-konfiska tal-ammont ta' €4,192.87 rappresentanti r-rikavat tar-reat ta' *money laundering* kif ukoll li kull proprjeta' mobbli w immobbli ohra li tappartjeni lill-appellat jew li hija fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu skond ma jipprovdi l-**artikolu 3 (5) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta** w salv id-dritt tal-appellat biex jagixxi skond l-**artikolu 7 tal-istess Kap. 373.**

"Illi ghalhekk saret il-procedura odjerna sabiex jigi dikjarat li l-fondi 8, Block E, Manor Court, Tourist Street Qawra, "Adams Guest House, Ross Street, St. Julians, u s-*safe deposit box* bin-numru 37 B mizmuma l-Bank of Valletta f'isem ir-rikorrenti konjugi Bajada li fiha xi deheb u oggetti ohra li r-rikorrenti wiret minghand missieru mhumiex provenjenti minn profitt jew dhul mir-reat kontemplat fil-Kap. 373 li tieghu Emanuel Bajada instab hati fis-sentenzi fuq citati u li ghalhekk jkun hemm ordni ta' revoka ta' l-istess konfiska.

"Illi dwar dan l-Avukat Generali eccepixxa li huwa oneru tar-rikorrenti li jipprova dan, u fil-verita' hekk huwa b'dan li rikorrenti ghandhom jippruvaw li l-proprjeta' konfiskata mhux derivanti mill-indikat reat u dan jista' jkun li jsir bil-mod indikat fis-sentenzi **"Aldo Saliba vs Avukat Generali"** u **"Alex Saliba vs Avukat Generali"** ( (P.A. (JA) – 12 ta' Marzu 2007- ghalkemm l-istess kienu jittrattaw dwar id-disposizzjoni tal-**artikolu 22C tal-Kap. 101.**

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-fond 8, Block E, Manor Court, Tourist Street Qawra gie akkwistat mir-rikorrenti u martu b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Elsa Cardona datat 28 ta’ Mejju 2004 (Dok. “A”) verso l-prezz ta’ Lm55,000, li minnhom kien hemm self mal-Bank HSBC p.l.c. fl-ammont ta’ Lm50,000. Illi jirrizulta li saru pagamenti l-Bank regolarment u ma jirrizultax li dawn huma provenjenti mir-reat indikat fis-sentenza li sabet lir-rikorrenti hati skond id-disposizzjonijiet tal-ligi hemm citati – dwar dan jinghad li l-ammont indikat fis-sentenzi citati kwotati huwa ta’ €4,192.87 , li nofshom jinghad li gie utilizzat sabiex tithallas kera ta’ *guest house* mhux proprjeta’ tar-rikorrenti u allura ma hemm l-ebda konnessjoni bejn l-akkwist tal-istess proprjeta’ u introjtu mir-reat indikat.

“Illi dwar il-proprjeta’ “Adams Guest House, Ross Street, St. Julians li din hija proprjeta’ tas-socjeta’ Mayfair Holdings Limited u li l-azzjonisti taghha huma Eve Bajada, li hija wkoll id-direttur tal-istess u Victor Bajada (Dok. “C”) u jidher li s-socjeta’ rikorrenti hadet self minghand il-Bank of Valletta p.l.c. ta’ Lm100,000 garantit *inter alia* b’ipoteka specjali fuq “Adams Guest House, Ross Street, St. Julians u dan skond kuntratt datat 31 ta’ Awissu 2004 fl-atti tan-Nutar Mark Coppini (Dok. “D”), u wkoll li l-istess socjeta’ sselfet ammont ulterjuri ta’ Lm30,000 minghand terzi u dan ukoll garantit b’ipoteka specjali fuq l-istess immobbli (kuntratt datat 31 ta’ Awissu 2004 (Dok. “F”). Dwar dan jinghad l-istess haga li ntqalet fuq dwar l-immobbli l-ohra, fis-sens li ma hemm ebda konnessjoni ta’ xejn bejn ir-rikavat mir-reat relatat ma` dawn il-proceduri u l-akkwist tal-istess, biz-zieda li jirrizulta li r-rikorrenti Emanuel Bajada personali ma ghandu x’jaqsam xejn mal-istess socjeta’ (hlief li huwa partecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma’ martu fl-azzjonijiet tal-istess socjeta’). F’dan il-kuntest ukoll l-azzjoni attrici giet ukoll pruvata u fil-verita’ ma hija bl-ebda mod kontradetta mill-intimat.

“Illi dwar is-*safe deposit box* bin-numru 37 B mizmuma l-Bank of Valletta f’isem ir-rikorrenti konjugi Bajada li fiha xi deheb u oggetti ohra li r-rikorrenti wiret minghand missieru, jirrizulta min-nota tar-rikorrenti datata 30 ta’ April 2010 li l-istess oggetti kienu ghand ir-rikorrenti ferm qabel id-data tar-reat indikat f’dawn il-proceduri u jirrizulta li tali *safe deposit box* ilha ghand ir-rikorrenti mis-sena 1998 u allura t-talba tar-rikorrenti fuq l-istess qed ukoll tigi milqugha.

“Illi fl-ahharnett dwar id-dokumenti esebiti mill-intimat u senjatament ir-relazzjonijiet ta’ Dr. Anthony Cutajar fit-termini tal-inkarigu moghti lilu mill-Qorti

tal-Magistrati ai termini tal-verbal ta' l-20 ta' Lulju 2006 fil-kompilazzjoni fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Emmanuel Bajada" esebiti bhala Dok. "AG1" u Dok. "AG 2", jinghad li dawn bl-ebda mod ma jittrattaw il-proprjeta' mertu ta' dan ir-rikors u dan peress li l-istess relazzjonijiet jittrattaw is-socjetajiet E & M Bajada Limited u Bugbay Limited.

"Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti qed jigu milqugha fis-sens hawn deciz."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

"… … … tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Awwissu 2010, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi filwaqt illi tirrevokaha in kwantu kienet laqghet it-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-ordni tal-konfiska relattiva ghall-fond bl-indirizz 8, Block E, Manor Court, Tourist Street, Qawra u relattiva ghas-safe deposit box bin-numru 37B mizmuma ghand il-Bank of Valletta u ghal dik il-parti fejn l-esponenti gew ikkundannati jhallsu l-ispejjez, u tipprovdi minflok billi tichad dawn it-talbiet u tikkonfermaha ghall-kumplament u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellati."

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijeit minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

"… … … tirrespingi l-appell tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija u tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez kontra l-appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-attur Emanuel Bajada, wara ammissjoni tieghu, kien instab hati mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tal-24 ta' Settembru, 2009, taht l-Att kontra *Money Laundering* (Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta) u ai termini tad-diversi provvedimenti tal-Artikolu 3 ta' dak l-Att, giet ordnata il-konfiska ta' kull proprjeta` li tappartjeni lil jew qeghdha fil-pussess tal-istess attur. Bis-sahha ta' din l-ordni gew kkonfiskati diversi proprjeta`, mobbli u immobbli li kienu fil-pussess tieghu. L-atturi ressqu din il-procedura ai termini tal-Artikolu 7 tal-istess Att fejn qed jitolbu r-revoka tal-ordni tal-konfiska peress li dik il-proprjeta` ma kenitx rikavat jew profitt gej mir-reat li tieghu nstab hati, jew hi b'xi mod involuta fir-reat ta' *money laundering* u li lanqas ma hi proprjeta` akkwistata, direttament jew indirettament, minn xi profitti jew rikavat simili. L-atturi talbu li l-fondi 8, Block E, Manor Court, Tourist Street, Qawra, u "Adams Guest House", Ross Street, St. Julians, kif ukoll is-"*safe deposit box*" bin-numru 37B mizmuma l-Bank of Valletta, li fiha xi deheb u oggetti ohra, jigu, per konsegwenza, mehlusa mill-ordni tal-konfiska.

L-ewwel Qorti, wara li semghet il-provi, laqghet it-talba tal-atturi u lliberat it-tlett items fuq imsemmija mill-effetti tal-ordni tal-konfiska li kienet harget il-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-konvenuti accettaw is-sentenza in kwantu din illiberat il-fond maghruf bhala "Adams Guest House" f'San Giljan mill-effetti tal-ordni tal-

konfiska, pero`, qed jitolbu r-revoka tal-istess sentenza in kwantu giet irrevokata l-ordni relattiva ghall-fond fil-Qawra u s-"*safe deposit box*". Huma qed jissottomettu li, fil-fatt, ma saretx prova mill-atturi dwar il-provenjenza lecita ta' dawn il-proprjeta`.

Dwar il-fond fil-Qawra, il-konvenuti appellanti jissottomettu li dan gie akkwistat permezz ta' kuntratt tat-28 ta' Mejju, 2004, u dan bi prezz ta' Lm55,000, u wara li l-atturi hadu self minn Bank ta' Lm50,000. Jirrizulta bhala fatt li l-att tal-akkuza fil-konfront tal-attur kienet tkopri z-zmien ta' bejn l-14 ta' Mejju, 2004, sat 13 ta' Mejju 2005, u dan il-kuntratt sar fil-perjodu kopert bl-att tal-akkuza, u cioe`, fil-perjodu li fih l-attur ammetta li agixxa bi ksur tal-Att 373 in kwistjoni. Din il-Qorti tara li fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, ma jistax jigi eskluz li l-akkwist ta' dik il-proprjeta` mhiex b'xi mod marbuta mar-reat. F'kazijiet ta' din ix-xorta, l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq l-attur izda dan, f'din il-procedura, ma ressaq ebda prova cara dwar id-dhul tieghu f'dan il-perjodu jew li kien impjegat b'xi salarju; ma weriex li l-hlasijiet lura tas-self li kien qed jaghmel kienu qed isiru minn dhul jew profitt lecitu. Darba jirrizulta li l-attur xtara fond fiz-zmien li kien involut f'attivita` illegali u li tikkoncerna *money laundering*, il-presunzjoni ghandha tkun li rikavat minn din l-attivita` intuza ghall-akkwist tal-fond, u dan sakemm l-istess persuna ma tippruvax, anke fuq bilanc ta' probabbiltajiet, il-provenjenza lecita tal-flus utilizzati ghal dak l-akkwist.

F'dan il-kaz, fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-prova ma saretx. Il-prova trid tkun wahda cara u konkludenti, anke jekk il-grad ta' perswazjoni huwa biss fuq bazi ta' probbabbilita`. L-attur ma tax spjegazzjoni konkludenti ta' minn fejn gab il-flus biex hallas il-Lm5000 fuq il-kuntratt u biex hallas il-pagamenti lill-bank ghas-self li nghata. Hu veru li fl-att tal-akkuza jinghad li r-rikavat mill-agir illecitu tal-attur kien ta' €4,192.87, u li nofshom gie utilizzat sabiex thallas kera ta' guest house mhux proprjeta tal-attur, pero` tibqa' nofs is-somma "*unaccounted for*", u jekk flus akkwistati illecitament jintuzaw ghall-akkwist ta' proprjeta` - anke b'zieda ta' flus bi provenjenza lecita – dik il-proprjeta` tibqa' soggetta ghall-konfiska. Biex proprjeta` tinheles minn ordni ta' konfiska, irid jirrizulta illi l-akkwist tal-istess proprjeta` ma hu b'ebda mod marbut jew relatat ma' flus illeciti. Kif tghid il-ligi, jekk il-proprjeta` hija "b'xi mod" involuta fil-kummissjoni tar-reat jew akkwistata mid-dhul tal-attivita` illegali, il-konfiska trid tibqa' fis-sehh, u l-atturi f'din il-kawza ma rnexxielhomx juru li l-flus kollha indirizzati ghall-akkwist tal-fond ma gewx mill-attivita` illegali li taghha instab hati l-attur (tmexxija ta' zewg guest houses li kienu jintuzaw ghall-prostituzzjoni). Fuq kollox, mhux qed nitkellmu biss fuq il-*quantum* tar-reat, ghax l-attur irid jipprova l-provenjenza lecita tal-fond minnu mixtri, haga li ma ghamilx. Dan l-ewwel aggravju tal-konvenuti qieghed jigi ghalhekk, milqugh.

Fir-rigward tas-"*safe deposit box*", il-konvenuti appellanti jghidu li l-ewwel Qorti strahet fuq nota tal-atturi mhux guramentata fejn gie indikat illi l-oggetti fis-*safe* kienu provenjenti minn wirt. Illi dwar dan, din il-Qorti tirrileva li, fl-ewwel lok, l-

istess konvenuti fl-ebda stadju ma oggezzjonaw ghall-prova li ghamlu l-atturi permezz ta’ din in-nota, u, fit-tieni lok, ma hux mistenni li dak li jkun izomm l-ircevuta ta’ meta nxtraw l-oggetti, kif qed jippretendu l-istess konvenuti. Mid-deskrizzjoni tal-oggetti li jinsabu fil-kaxxa jidher li dawn, veru, huma oggetti li wiehed soltu jsib f’familja u li jintirtu minn generazzjoni ghall-ohra, jew li huma ta’ provenjenza antika. In-natura stess tal-oggetti u x-xhieda tal-attur jindikaw, f’dan il-kaz, fuq bazi ta’ probabbilita`, illi l-oggetti ma humiex relatati mad-dhul mill-attivita` illegali tal-attur, u hawn il-Qorti taqbel mal-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti f’dan ir-rigward li l-atturi rnexxielhom juru provenjenza lecita tal-oggetti li jinsabu fis-“*safe deposit box*” in kwistjoni.

Dan l-aggravju, ghalhekk, mhux sejjer jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost miz-zewg konvenuti billi tilqa’ l-istess biss in parte u ghalhekk tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi (i) tikkonfermaha fejn sabet li l-fond “Adams Guest House” f’San Giljan mhux milqut bl-ordni tal-konfiska (peress li minn din il-konkluzjoni partikolari ma tressaq ebda appell); (ii) tikkonfermaha fejn sabet li l-oggetti li jinsabu gewwa s-“*safe deposit box*” bin-numru 37B mizmuma ghand il-Bank of Valletta f’isem l-atturi, mhux milquta bl-ordni tal-konfiska (u b’hekk tichad l-aggravju relattiv tal-konvenuti appellanti) izda (iii) thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti fejn sabet li l-fond tal-Qawra ma ghandux jibqa’ milqut bl-ordni tal-konfiska, u minflok issib li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw

il-provenjenza lecita ta’ dan il-fond (8, Block E, Manor Court, Tourist Street, Qawra) li ghandu, ghalhekk, jibqa’ milqut bl-ordni ta’ konfiska in kwistjoni (u b’hekk tilqa’ l-aggravju relattiv tal-konvenuti appellanti u tichad it-talbiet atturi fir-rigward).

Dwar l-ispejjez tal-kawza, peress li din il-procedura hija rizultat tal-applikazzjoni tal-ligi ghall-agir tal-attur, tordna li dawk in prim istanza jithallsu kollha mill-atturi in solidum, u dawk ta’ din it-tieni istanza jithallsu tlett kwarti ($^3/_4$) mill-atturi in solidum, u kwart ($^1/_4$) mill-konvenuti appellanti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------